# Beati u Qaddisin....Novembru

San Karlu Borromeo huwa wiehed mill-akbar isqifijiet fl-istorja tal-knisja; kbir fl-imhabba, kbir fit-taghlim tad-duttrina, kbir fl-appostolat imma fuq kollox kbir fil-hniena u fid-devozzjoni li kellu.



Carlo Saraceni, S. Carlo Borromeo comunica un appestato, 1618-1619, Cesena

Kien jghid : "L-erwieh tirbahom meta tinzel gharkubtejk." Tirbahom permezz tat-talb u talb umli. Matul il-hajja tieghu huwa ressaq bosta u bosta erwieh lejn Alla.

Twieled fis-sena 1538 f'Rocca dei Borromeo li kienu sidien il-Lago Maggiore u ta' l-inhawi madwar.

Kien it-tieni iben tal-konti Giberto u ghalhekk skont it-tradizzjoni tal-familji nobbli kien jigi tonsurat meta jilhaq 12 il-sena. Iz-zaghzugh hadha bis-serjeta'.

Kien student gewwa Pavia u hemm wera' l-

hila tieghu fl-istudji.  Imsejjah Ruma giet mahtur Kardinal meta kellu biss 22 sena. L-unuri bdew nizlin fuqu  bhax-xita, anke minhabba li zijuh kien il-Papa Piju IV.

Kien ihobb wisq l-istudju u waqqaf Akkademja gewwa Ruma skond l-uzanzi ta' dawk iz-zminijiet imsejha Notti Vaticane. Mibghut bhala ambaxxatur fil-koncilju ta' Trento kien aktar jaqdi d-doveri tieghu ta' esekutur milli ta' kunsillier. Imma wera' il-hila tieghu bhal kittieb.

Fis-sena 1562 huh il-kbir miet, u hu seta' jitlob li jkun sekolarizzat biex ikun il-kap tal-familja.  Imma hu ghazel li jibqa'  jzomm l-istat ekklesjastiku u gie kkonsagrat isqof fis-sena 1563 ta' 25 sena. Dahal jiehu pusses fid-djocesi tieghu ta' Milan li kellha tkun il-kamp ta' l-appostolat tieghu. L-arcidjocesi tieghu kienet wahda vasta u mifruxa, imma l-isqof zaghzugh beda jistudja kif ser ilahhaq ma' kull rokna taghha u jsahhah il-formazzjoni tal-kleru u l-fidi ta' l-insara.  Waqqaf seminarji, bena' sptarijiet u ospizji.  Qassam hafna minn gidu minhabba li kien gej minn familja nobbli u sinjura fost dawk li kellhom bzonn.

Fl-istess hin huwa iddefenda d-drittijiet tal-knisja kontra s-setghana. Gab l-ordni u nissel dixxilina fil-kunventi anke jekk dan kien ifisser attentat fuq hajtu kif fil-fatt gara. Waqt li kien qed jitlob sparawlu, izda l-balla taqqbet il-kappamagna kardinalizja flok laqtet lilu.

Waqt il-pesta tas-sena 1576 huwa ghen kemm felah lill-morda u assistihom personalment. Minkejja li kien bniedem b'sahhtu hafna, id-deni rikbu xorta wahda u minkejja li kien f'dak l-istat huwa xorta baqa' jaqdi dmiru kif seta'. Il-motto tieghu kien umilta'.

Fit-3 ta' Novembru 1584 meta kellu biss 46 sena huwa miet, izda warajh halla tikfira ta' qdusija lill-poplu ta' Milan.